# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 1 ta' April 2019

## Talba Numru 2/2019SFJ

## *Gold Lion Real Estate Limited (C74728)*

## *vs.*

## *Cannonball Invest Limited*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallashom is-somma ta' elf u tlett Ewro (€1,003.00) rappreżentanti drittijiet ta' aġenzija dovuti lilha mill-istess soċjetà konvenuta in konnessjoni ma' kuntratt ta' lokazzjoni debitament konkluż tramite s-servizzi tal-istess soċjetà attriċi u li s-soċjetà konvenuta naqset li tħallas nonostante diversi interpellazzjonijiet, bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri bonarji datati 1 ta' Novembru 2018 u 6 ta' Diċembru 2018.

Ra li s-soċjetà konvenuta debitament innotifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ baqgħet ma ippreżentat ebda risposta u lanqas deher ħadd sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019 xehdet Lana Buks Vai Vader taħt ġurament minn jeddha u bil-lingwa Ingliża, ċioe l-aġenta (*estate agent*).

Ra li din ix-xhud xehdet li l-kuntratt tal-kirja kien ġie iffirmat quddiemha u dan bejn Kris Jes Peterson, direttur tas-soċjetà konvenuta, u Elliot Farrugia (257188M).

Ra li fil-fatt, hija ippreżentat kopja ta' dan il-kuntratt datat 10 ta' Lulju 2018 immarkat bħala dokument "LB1"**.**

Ra li hija xehdet ukoll li l-kirja kienet bdiet u għadha għaddejja u esebiet ukoll kopja tad-dokumenti tal-identità tal-partijiet indikati fil-kuntratt, liema kopja hija immarkata dokument "LB2".

Ra li x-xhud iddikjarat li l-*agency fees* qatt ma tħallsu u ippreżentat kopja tal-fattura immarkata dokument "LB3" fejn saret interpellazzjoni għall-ħlas lis-soċjetà konvenuta, kif ukoll dokument "LB4" li hija l-ittra bonarja ta' interpellazzjoni għall-ħlas datata 1 ta' Novembru 2018 mibgħuta lis-soċjetà konvenuta, kif ukoll dokument "LB5" li hija traskrizzjoni ta' messaġġi li ntbagħtu permezz ta' *SMS* (*short message service*) bejn Patrick Turks għan-nom tas-soċjetà attriċi u Kris Jes Peterson, direttur tas-soċjetà konvenuta.

Jidhirlu, wara li ra d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, li t-talba ġiet sufficjentement ippruvata fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u tlett Ewro (€1,003.00) bl-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**